# K U N S I L L   L O K A L I   K I R K O P

Il-Minut tal-erbgħin (40) laqgħa tas-sitt leġislatura tal-Kunsill Lokali Kirkop li saret nhar il-Erbgħa 12 ta' Ottubru, 2011 fil-ħamsa u nofs ta' wara nofs in-nhar (5.30pm) fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

| | |
|---|---|
| *Preżenti għall-Laqgħa:* | Mario Salerno Sindku |
| | Joe Carbone Viċi Sindku |
| | Stephen Mizzi Kunsillier |
| | Rose Roberts Kunsillier |
| | Ranier Busuttil Segretarju Eżekuttiv |
| *Skuzata:* | Nadia Zammit Kunsillier |

S-Sindku ppresedja l-laqgħa.

**1. Qari u Konsiderazzjonijiet tal-Minuti**

1.1. Il-Minuti tal-laqgħa tqassmu u inqraw.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1. Il-Minuti ġew approvati unanimament

**3. Punti Mqajjma mill-Minuti**

3.1. Ma kienx hemm punti mqajjma.

## 4. Stqarrija tas-Sindku Mario Salerno

4.1. Is-Sindku qal li fuq it-toroq li hemm pendent issa jonqos li jgħaddu iċ-cheque mit-teżor u jerġa jitkompla ix-xogħol. Kull ma baqa' huwa Triq San Nikola u Sqaq Sant Anglu.

4.2. Rigward il-permess tal-Kunsill issa għadda u issa kull ma imiss huwa li l-perit Dieter Falzon jitlob il-compliance certificate biex imbgħad napplikaw għal metre tad-dawl.

4.3. Is-Sindku qal li rigward il-bandli il-UIF accettaw li nagħmlu il-kuntratt magħhom u hemm available wadwar €12,000. Salerno kompla ukoll u qal li tajjeb li ndawru id-dawra tal-bandli bl-injam u napplikaw għall-ispejjez minn l-iskema tad-dipartiment.

4.4. Is-Sindku fakkar lil sħabu sabiex jibgħatu l-artiklu tagħhom għan –newsletter li ilha ma toħroġ propju għaliex il-Kunsilliera mhux jikkoperaw u jibgħatu l-artiklu fiż-żmien stipulat.

4.5. Is-Sindku informa lil Kunsilliera li illum stess ser toħroġ Miżura ġdid ail-125 ser ikun hemm a disposizjoni €30,000 kull kunsill. Il-Kunsill qabel li dawn il-flus fil-każ ta' Ħal Kirkop jintużaw sabiex isir Sqaq ir-Ramlija b'asfalt adegwat.

4.6. Is-Sur Salerno tkellem fuq ir-Reġjun Sud u qal li issa ir-Reġjuni ser ikunu qiegħdin jieħdu ħsieb il-flus ta' l-LES, taċ-ċitazzjonijiet kif ukoll il-kuntratti tal-bozoz u l-arbli tat-toroq.

4.7. Is-Sindku qal li il-permess ta' Pjazza Zernieq għadu imwaħħal. Dan għaliex li il-KNPD reġgħu oġġezzjonaw fuq ir-rampa li hemm fuq il-pjanta. Huma kellhom jagħmlu laqgħa mal-Perit, wara li diġa kienu iltaqghu diżersi drabi sabiex jifthemu eżatt xi jridu biex ikun kollox konformi.

Rigward il-proġetti tal-Miżura 323 is-CMP tal-ħajt tal-Mgħatla lest u il-Heritage Enterprises qiegħdin jitolbu biex jitħallsu. Għalhekk issa irridu ngħaddu dawn il-pagamenti lil Paying Agency sabiex jirrilaxxaw l-ammont dovut.

Ir-restawr tal-Katakombi għadna lura għaliex il-permess kien weħel u minħabba li l-perit ma daħħalx l-informazzjoni fiż-żmien stipulat l-applikazzjoni ġiet kanċellata mil-MEPA u għalhekk kellna nerġgħu napplikaw.

4.8. Is-Sur Salerno informa lil kunsilliera sħabu li l-applikazzjoni tal-proġett ESF fuq taħriġ lil min jaħdem in-nar ġiet milqugħa u dan ifisser li rridu naħdmu ħafna sabiex inwettqu dan it-taħriġ b'suċċess. Il-parteċipanti għal dawn il-korsijiet ser ikollhom l-opportunita wkoll li jmorru barra minn Malta, l-Italja u Spanja sabiex jaraw fabbriki tan-nar tal-post u jieħdu esperjenza sabiex hawn Malta jinħadem in-nar f'ambjent iktar safe. Is-Sindku qal ukoll li issa ser ikollna laqgħa mal-PPCD sabiex jistaqsuna xi kjarifiki mil-applikazzjoni. Minħabba li s-Segretarju u s-Sindku diga huma Project Leader ta' proġetti oħra is-Sindku ippropona li jkun is-Sur Joseph Carbone bħala Project Leader. Kulħadd qabel ma dan.

4.9. Is-Sindku qal li il-ġimgħa l-oħra kellna laqgħa it-trasport Malta f' Sa Maison u kien preżenti wkoll is-Sindku ta' Hal Safi s-Sur Pietru Pawl Busuttil. Hemmhekk tkellimna mas-Sur Ivan u s-Sur Kevin Zahra u ġie suġġerit li jkollna rotta li titlaq minn Hal Safi u tgħaddi minn Ħal Kirkop. Il-ħinijiet ikunu dawk tal-peak ta' filgħodu bejn is-6.30am u t-8am.

Rigward il-Bus Shelters qalulna li ddaħħlu l-permessi il-MEPA u issa skond kemm idumu biex jiġu approvati. Mbgħad ikunu jistgħu iwaħħluhom.

4.10. Is-Sindku semmha li irċevejna email mid-departiment li ha jnaqqsunla l-ammont ta' €800 talli daħħalna ir-rapporti ta' l-awditjar wara iż-żmien stipulat. Għalhekk tajjeb li isservina tagħlima u nagħmlu kollox fil-ħin din is-sena.

**5. Stqarrija tal-Viċi Sindku Joseph Carbone**

5.1.1. Is-Sur Carbone staqsa fil-bidu ta' l-istqarrija tiegħu kif bqajna fuq is-sinjali tat-toroq. Is-Sindku qallu li qiegħdin nistennew minn għand il-kopetattiva tabelli u sinjali l-istima ta' kemm ser tigi l-ispiża mbgħad naraw jekk noħorġux tender jew sejħa għal kwotazzjonijiet kif meħtieġ mil-liġi.

5.1.2. Is-Sur Carbone qal li il-proġett ta' l-ESF tat-taħriġ għal dawk li jaħdmu n-nar ser ikun bi sħab ma' ħames kunsilli oħra li huma ix-Xagħra, Ħal Qormi, iż-Żurrieq, Ħal Għaxaq u Ħal Safi. Apparti hekk hemm bi sħab ukoll l-Assoċċjazzjoni tal-Piroteknika kif ukoll żewġ NGO minn l-Italja u Spanja. Il-

Parteċipanti irid ikollhom liċenza A jew B biex ikunu eliġibbli japplikaw għal dawn il-korsijiet. Dettalji ikollna aktar il-quddiem fis-seduta li jmiss.

**5.2. Stqarrija tal-Kunsillier Stephen Mizzi**

5.2.1. Stephen semma il-Progett tal-Famlija Hort u talab li nerġgħu nirrevedu il-lista tat-tfal sabiex innaqqsu mil-paroli tan-nies u l-ikel imur għand min vera għandu bżonn.

Is-Sindku qal li hu tkellem ma Marika Mizzi mil-Uffiċċjut al-President fejn qaltlu li kif ikollna r-rapport finali tal-proġett Familja Hort ngħadduh lilhom sabiex jikkunsidraw li jiffinanzjawh mil-fondi tal-Community Chest Fund.

**5.3. Stqarrija tal-Kunsillier Rose Roberts**

5.3.1. Is-Sinjura Rose Roberts bdiet biex titkellem fuq il-fencing ta' l-injam li qiegħed jiġi suġġerit mis-Sindku u qalet li hi jekk ikun hemm passaġġ li jgħati għall-kazin hi mhux ser issib oġġezzjoni.

5.3.2. Is-Sinjura Roberts stqarret li hi ddiżappuntata ħafna minn Mario Borg għaliex total lost. Mario Borg li huwa l-kuntrattur tal-parks and gardens mhux qiegħed jiġI jsaqqi u lanqas jiżbor is-siġar.

Rose issuġġeriet li jitwaħħlu tabelli *tarmix żibel hawn* fejn il-Bring in Sites sabiex nindikaw li hemm pieni ħorox fuq min jinqabad.

**6. Approvazzjoni ta' ordnijiet ġodda.**

6.1. Is-Segretarju ippreżenta il-kwotazzjonijiet tas-sealer ta' l-art li tlabna għalihom fuq il-gazzetta. Madanakollu kellna kwotazzjoni waħda biss dik tal-Karmig. Il-Kunsill qabel li tingħażel lilha u nordnawhom.

6.2. Ġie miftiehem li nhar il-Erbgħa 26 ta' Ottubru issir laqgħa rigward l-Irkotta Fest 2011 naraw fejn nistgħu intejbu għal Irkotta Fest 2012. Għal din il-laqgħa ikunu mistiedna l-għaqdiet tar-raħal kollha kif ukoll l-organiser Mario Camilleri.

**7. Awtorizzazjoni tal-pagamenti**

Il-Pagamenti għaddew kollha.

**8.Affarjiiet oħra**

Ma kienx hemm affarijiet oħra.

**9. Konklużjoni**

7.1. Il-laqgħa intemmet fis-7.30pm.

| | |
|---|---|
| **Mario Salerno** | **Ranier Busuttil** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |